26 ta' Novembru, 1945.

Imħallfin :

S.S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Nobbli Giorgio Cassar Desain**

***versus***

Markiż James Cassar Desain Viani et

**Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tiegħu r-Re — Permess Kondizzjonali — Motivi — Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Il-petizzjoni li ssir biex jintalab il-permess għall-appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tiegħu r-Re mhix nulla għax ma jkunx fiha l-motivi li fuqhom jiġi bażat dak l-appell.*

*Id-domanda għall-permess kondizzjonali ta' dan l-appell hija ħaġa differenti mid-domanda li ssir quddiem il-Privy Council u li fuqha jinfetħu l-proċeduri quddiem dan il-Kunsill.*

*Fid-domanda għal permess għall-appell il-Qorti tara jekk il-meritu tal-kawża huwiex appellabbli quddiem il-Privy Council, u għalhekk ma hemmx bżonn li f'dik id-domanda jiġu esposti l-motivi li fuqhom jiġi bażat l-appell. Dawn il-motivi jidħlu fil-petizzjoni li ssir għal quddiem il-Privy Council.*

Il-Qorti — Rat il-libell ta' l-attur fejn talab illi l-Qorti tiddikjara (1) illi l-intimand, in vista ta' l-inosservanza tal-kondizzjoni imposta mill-fundatur li kellu jġib il-kunjom Cassar Desain mingħajr ebda kunjom ieħor u flimkien jisserva bl-armi ġentilizji ta' l-istess familja, ikkontravjena u kiser l-istess kondizzjoni peress illi uża u ġieb flimkien ma' dak il-kunjom anki l-kunjom Viani; (2) l-intimand iddekada mill-1931 jew kwalunkwe data oħra li din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi, mid-dritt li jippossjedi l-istess primoġenitura, bil-beni kollha li jikkomponu d-dota tagħha, riżultanti min-nota "A"

jew kwalunkwe mmebbħ iehor li irriżulta ma' tul il-kawża; (3) li l-esponenti, bħala l-eqreb maskju għall-intimand u għall-fundatur, għandu dritt mill-istess data li tiġi, kif intqal fuq, stabbilita, għall-pussess ta' l-istess primoġenitura in preferenza għall-intimand; u (4) li jiġi kundannat l-istess intimand jirrilaxxja favur l-esponenti l-imsemmija primoġenitura bil-beni fuq imsemmija, u bil-frutti u r-rediti li daħħal jew bil-ħila tal-"buon padre di famiglia" imissu daħħal l-intimand mill-istess primoġenitura, fi żmien perentorju li dina l-Qorti jogħġobha tiffissa, jew f'każ divers, jekk l-intimand ma jagħmelx dan, jitlob li in forza ta' l-istess sentenza jiġi l-esponent immess "ope sententiae" fl-istess pussess; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dina l-Qorti fejn irrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-appellant li l-ewwel sentenza f'parti ddeċediet "ultra petita" u ordnat illi l-ispejjeż relativi ta' l-inċident ma jiġux taxxati bejn il-partijiet u rrespinġiet l-appell ta' l-attur u għalhekk ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-6 ta' Mejju 1944, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attur appellant, barra dawk fuq deċiżi, u d-dritt tar-reġistru ta' din l-istanza jitħallas nofs minn kull parti;

Rat il-petizzjoni ta' l-istess attur tas-16 ta' Lulju 1945, fejn talab il-permess kondizzjonali biex jappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tiegħu r-Re minn dik is-sentenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat jimpunja l-petizzjoni fuq ir-raġuni li ma hemmx allegati fl-istess petizzjoni l-motivi li fuqhom huwa jibbaża l-appell għall-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat. Il-Qorti tirrileva illi ħaġa hija d-domanda għall-permess kondizzjonali minn waħda mill-partijiet kontendenti biex tista' tappella, u ħaġa oħra, wara li dan il-permess kondizzjonali u anki finali jkun mogħti mill-Qorti ta' Malta, hija d-domanda li ssir quddiem il-Privy Council li fuqha jinfetħu l-proċeduri quddiem dan il-Kunsill. Fl-ewwel każ il-Qorti tara jekk, skond is-sezzjoni 2 (a) ta' l-Ordni tal-Kunsill tat-22 ta' No-

vembru 1909, f'dan il-każ "the matter in dispute on the appeal amounts to or is of the value of £500 or upwards"; mentri fit-tieni każ, "the petition must contain in general a narrative or abstract of the proceedings in the Court below with a conclusion alleging that the petitioner is aggrieved by the judgment, has obatined leave of appeal from it in the Colony, and now prays for its reversal or alteration. If the appeal is not from the whole judgment, the petition should specify the part of the judgment complained of, and orders (if any) appealed against" (Bentwick, p. 174);

L-Order in Council fuq imsemmi ma jgħid xejn fuq dawn id-dettalji li d-domanda għall-permess kondizzjonali għandu jkollha, għaliex dawn huma mħollija għat-talba li ssir quddiem l-istess Privy Council;

Jgħid l-attur appellant, fil-petizzjoni tiegħu, li huwa jħoss ruħu aggravat mis-sentenza ta' din il-Qorti u li l-meritu involut huwa superjuri għal £500, u għalhekk jitlob lill-istess Qorti li tikkonċedilu l-permess li jappella mill-istess sentenza. Jekk il-Qorti jidhrilha li huwa għandu dritt li jappella, hija tagħtih dan il-permess. Ikun imbagħad attribuzzjoni tal-Qorti Superjuri tara jekk fil-petizzjoni li tiġi quddiemha huwa jkunx ipprevalixxa ruħu biex jappella fit-totalità jew f'parti tas-sentenza li minnha hemm appell—baġa li talvolta jista' jkollha influwenza fl-inċidenza ta' l-ispejjeż;

Huwa veru, kif irriteniet dina l-Qorti in re "Arturo Mifsud vs. P L. Ercole Valenzia" (1 ta' April 1927), illi "è stato più volte stabilito dal Consiglio Privato di S.M. che una quistione che non venne portata innanzi alla Corte Coloniale non può essere sollevata innanzi a quel tribunale supremo — A point that has not been raised in the Courts below cannot be raised before Their Lordships (Randweek vs. Australian Cities Investment Corporation, 62, L.J., P.C. (1893); News Digest 1926, Vol. XVI, p. 610), and a new point which was not fully raised in the Court below will not be entertained on the appeal to the King in Council (Archambault vs. Archambault, 71 L.J., P.C. 131 (1902) ibid.)"; imma fil-petizzjoni ta' l-attur ma hemm l-ebda indikazzjoni, la diretta u lanqas indiretta,

illi huwa jrid jissolleva punti ġodda; għaliex, kif intqal fuq, huwa qiegħed jappella mis-sentenza ta' din a l-*Qorti għax iħossu* aggravat minnha. Hija mbagħad kwistjoni li għandha tiġi eżaminata minn dak *it-tribunal suprem jekk* l-appellant jissolleva punti ġodda, jekk dawk il-punti, peress li ma kienux ġew sollevati, eżaminati u deċiżi minn din il-Qorti, jistgħux ikunu sollevati f'dan l-istadju (*ara s-sentenzi* tal-P.C. *fuq ċitati*, u Halsbury, The Laws of England, Edit. 1909), Volume 9, p. 45, *no.* 88 "Law Points");

Il-każ li għalih għamel riferenza l-appellant in re "Arturo Mifsud ne. vs. P.L. Ercole Valenzia", deċiż fl-1 ta' *April* 1927 minn din il-Qorti, huwa wisq divers, għaliex f'dak il-każ l-persuna terza li ma kienetx parti fil-kawża, *iżda li ippretendiet* li kellha interess tappella, riedet tagħmel dak l-appell in forza tas-sezzjoni 2 *(b) ta'* l-*Ordni* in Kunsill tat-22 ta' Novmbru 1909, iżda mhux biex timpunja s-sentenza ta' din il-*Qorti fuq* il-kwistjoni dibattuta u deċiża minnha, iżda għaliex ippretendiet li din il-*Qorti* ma kellhiex ġurisdizzjoni tisma' *dik* il-kawża, u għalhekk fuq pont li ma kienx ġie sollevat quddiem din il-Qorti u għalhekk ma setax jiġi *deċiż minnha. Iżda f'dan* il-każ l-appellant, peress li qal li huwa aggravat mis-sentenza ta' din il-Qorti, irid jappella minnha, u għalhekk *verosimilment* għal raġunijiet li huwa ġieb fil-libell tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u fil-*petizzjoni quddiem din* il-Qorti ta' l-Appell, u mhux fuq punti li mhumiex indikati la fil-libell u lanqas fil-petizzjoni; u dan iżjed u iżjed meta l-art. 143 tal-Liġi *ta'* l-*Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili* jgħid espressament illi "the libel shall contain :— (a) a clear and concise statement of the facts, without quotation of authorities.......... *(b) the* demand. The demand contained in the libel shall clearly and correctly specify the object in view". Hija ħaġa magħrufa illi huwa minn dawk it-termini ma jistax jitbiegħed, għax ikun imur kontra dak *id-dispost* tal-liġi li huwa marbut bih;

Fil-meritu, illi ma hemmx dubju illi l-valur "in lite" jeċċedi s-somma ta' £500..............;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta'

l-eċċezzjoni............. in vista tar-rinunzja għal din l-eċċezzjoni..............;

2. Tiddikjara illi l-oppożizzjoni tal-konvenut għad-domanda ta' l-attur dedotta fil-petizzjoni hija infondata; bl-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni kontra l-konvenut appellat;

3. Tilqa' d-domanda ta' l-attur miġjuba fil-petizzjoni, fis-sens illi tagħtih id-dritt li jappella lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tiegħu r-Re mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1945, bil-kondizzjoni li, l-attur għandu jġib garanzija tajba ma' tul xahar fis-somma ta' £200 sabiex l-appell ikun jista' jimxi.............. L-ispejjeż, ħlief dawk provvduti superjorment, huma riżervati għal meta jingħata d-digriet finali.